**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020.**

**Rikors nru: 602/2017 AGV**

**ABC fin-nom taghha propju u kif ukoll bhala legittma rapprezentanti tal-minuri DBC. (ID Nru: 034198M)**
**Vs**
**Direttur tar-Regstru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 3 ta' Lulju 2017, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;

1. Illi hija twieldet fis-sitta (6) ta' Ottubru 1997 barra z-zwieg u cioe out of wedlock, meta ommha kellha 24 sena u fl-att tat-twelid taghha gie dikjarat

li missierha mhux maghruf. Kif jista' jidher mil-anness dokument u mmarkat bhala Dokument A;

2. Ili b' att ta rikonnximent tal- 15 ta Jannar 1998, fl-atti tan-Nutar A. Spiteri Debono, u cioe' ftit xhur wara li kienet twieldet ir-rikorrenti, il-missier naturali u bijologiku taghha minn jeddu u bla ebda kunsens tal-omm li kien il-missier naturali tal-istess rikorrenti. Per konsegwenza, kienet saret annotazzjoni fl-istess certifkat tant li kunjom ir-rikorrenti gie mibdul minn C ghal B kif jidher mill-anness Dok A. hawn anness.
3. Illi tul ir-trobbija tal-rikkorenti, il-missier qatt ma wera' interess fil-konfront taghha u qatt ma ikkontribwxxa ghal mantenimet ta' bintu u minn mindu kienet tarbija, minkejja li rrikonxxieha qatta ma kien prezenti f' hajjitha. Kien dejjem jitraskuraha u izjed minn hekk minhabba il-karattru instabbli u inkosistenti tieghu, li hafna drabi kien jobbliga ruhu li jmur jara lill-minuri, izda ma kienx jitfacca, b' hekk kkaguna aktar hsara psikolgika milli gid lir-rikorrenti tul tfulitha.
4. Illi in sostenn ta' dan minn mindu ir-rikorrenti saret zaghzugha hija dejjem kienet thoss u tiddentifika ruhha bhala AC, u mhux AB aktar u aktar meta kienet bdiet jew inbniet relazzjoni ma' missierha, minkejja li hu membru tal-familja taghha. Di fatti, dawn l-inkonsistenzi f' hajjiet ir-rikorrenti holqulha tensjoni u konfuzjoni, li sahansitra wasluha fi krizi ta' identita', tant li kellha tfittex ghajnuna ta' psikologu minhabba l-hsara li saritilha, liema ghajnuna ghad ghandha bzonnha sa llum.
5. Illi Dr. Nigel Camilleri, il-Consultant Psychiatrist, li jseggwi l-andament tar-rikorrenti, hu tal-opinjoni li kif jiddentifikaha c-certifkat tat-twelid taghha, aktar qed jikkawzalha hsara milli gid, ghaliex l-istess rikorrenti ghandha bzonn closure f' hajjitha jigifieri li jinghalaq kapitlu f' hajjitha li effetivament qatt ma ezista, ghaliex qatt ma nibtet relazzjoni ma' missierha. Il fatt per se li kunjomha jinbidel ghal C, identita' li maghha ir-rikorrenti tassomilja u tiddentifika ruhha, ghandha sservi ta' gid enormi u

taghtiha sens ta' stabbilita' u identifikazzjoni u tohrogha mill-istat quo vadis, li ilha tghixha ir-rikorrneti ghal zmien twil. In sostenn ta' dan qed jigi esebit certifkat mediku mahrug minn Dr. Nigel Camilleri u dan qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. B.

6. Di fatti, ir-rikorrenti, minn dejjem kienet tuza' kunjom xbubitha u cjoe' C u identfikat ruhha ma' dan dil-kunjom sew l-iskola, mal-hbieb, u fl-attivitajiet extra kurrikulari kollha taghha u fil-fatt, illum anka fis-social media page taghha hija dejjem kienet maghrufa bhala AC. Ghal kull buon fini qed tigi esebita kopja tal-profile tal-pagna taghha ta' Facebook tar-rikorrenti u din qed tigi immarkata bhala Dok C.;
7. Illi r-rikorrenti tixtieq tirreleva illi ommha EFC, eventalment izzewwget lil GH u dan kif jidher mil-anness dokument D, u minn mindu kellha xi sena u ftit xhur ommha dejjem kienet flimkien ma' zewgha illi hallsu ghall-manteniment taghhja u hadu hsieb ghall-htigijiet taghha, kif ukoll ghall-bzonnijiet u spejjez edukattivi u medici. Apparti minn hekk dawn huma z-zewg persuni li dejjem tawha is-sapport emozzjonali li tant kellha bzonn u ghad ghandna bzonn f' hajjitha.
8. Illi prezentament, ir-rikorrenti saret omm ta' tarbija bl-isem ta' D, li llum ghandu ftit xhur, kopja tac-certifikat tat-twelid qed jigi esebit u mmarkat bhala Dok. E. Dan l-istess wild per se' darbohra qed johloq hafna komplessitajiet u hafna ansjetajiet ghar-rikorrenti peress li kif ma tistax tiddentifika ruhha ma' kunjom missierha naturali, aktar ma tistax taccetta li tiddentifika it-trabija taghha ma' kunjom li huwa insinifikanti ghal kollox f' hajjitha. Ghalqstant, hija tixtieq li c-certifikat tal-minuri jiddentifikah bhala DC, u mhux B.
9. Illi l-artikolu 292 (a)tal- kodici Civili fil-fatt jistpula illi jekk tarbija titwieled barra z-zwieg u ma ssirx dikjarazzjoni kongunta x' isem u kunjom ghandha tigi registrata bih, it-tarbija fic-certifikat tat-twelid, ghandha tiehu kunjom l-omm.

10. Illi ironikament, li kieku r-rikorrenti twieldet meta giet in vigore din d-disposizzjoni tal-ligi kienet ipse iure tiehu kunjom xbubitha u cjoe' C, minhabba l-fatt illi hija kienet twieldet barra z-zwieg, izda sfortunatament ghar-rikorrenti, dina s-sitwazzjoni ma kienetx tezisti u b' hekk hija tinsab b' dina id-dilemma u krizi personali illi qed ikollha iggorr kunjom illi qatt ma tuza' u huwa ghal kollox insinfikatni u rrelevanti f' hajjitha, hlief li ikkagunalha piz u dwejjaq.
11. Illi r-rikorrenti illum tixtieq li tikkonfema l-identita' taghha ghal darba ghal dejjem, u tigi awtorizzata li tkompli tuza' l-kunjom AC, minflok ABC , u dan meta hija stess ser ikollha serhan tal-mohh u dan huwa fl-ahjar interess taghha. Aktar minn hekk mhux ser jigu ppregudikati ebda interessi ta' terzi, ghax l-unika persuna li tista' tigi affettwata huwa missierha, li tul das-snin kollha ma kienx hemm prezenti ghaliha. Huwa ukoll fl-ahjar interess tal-minuri D, li ssir awtorizzazzjoni, sabiex sa fl-ahjar jigi identfikat bhala wild ommu.

Ghalaqstant, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Sabiex skont artikolu 92 (6) tawtorizzaha tipprocedi sabiex f' isimha u bhala legittima rapprezentanti tal-minuri D, sabiex tkompli tuza' l-kunjom C u sahansitra jsiru l-appositi annotazzjonijiet fi hdan c-certifkat tat-twelid rispettivi taghhom, hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u Dok E, u li tiddispensa mill-kunsens tal-missier naturali peress illi illum hija adulta dan taht id-disposizzjonijiet kollha li jidhirlha xieraq u oppprtuni.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentat tad-Direttur Registru Pubbliku datata 26 ta' Lulju. 2017 fejn espona bir-rispett;

1. Illi preliminarjament, jintqal illi dina l-Onorabbli Qorti mhux il-forum kompetenti, li tiddeciedi tali talba li qed issir fir-rikors odjern stante illi t-talba kif dedotta tippernja fuq l-artikolu 92 sub incis 6 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. U ghaldaqstant tali talba ghandha ssir quddiem il-Qorti Civili sezzjoni tal-Familja li hija l-Qorti kompetenti biex tiddeciedi tali talbiet. Dan jirrizulta car mill-artkolu 4 sub inciz (a) tal-Legislazzjoni sussidjarja 12.19 **Ordni dwar it-twaqqif ta' sezzjonijiet tal-Qrati Civili;**
2. Illi bla hsara ghal premess u in vena preliminari, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob ai temini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-okkju ta' dil-kawza fis-sens illi l-attrici ghandha tidher bhala AB u mhux ABC u dan stante li l-ewwel isem huwa dak li jappartjeni lilha skont l-att tat-twelid taghha;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tissottmetti illi mhux dedotta mil-fatti li gew indikati fir-rikors promutur;
4. Illi minn dokumenti annessi mar-rikors guramentat, jidher illi meta hija twieldet AB , fis- 6 t' Ottubru 1997, fl-att tat-twelid, tal-attrici gie dikjarat minn omm l-attrici EFC illi missier l-attrici, mhux maghruf;
5. Illi sussegwentament ghal tali registrazzjoni d-Direttur konvenut ircieva ittra datat 20 ta' Jannar 1998, minghand in-Nutar Anthony Spiteri Debono, fejn f' tali ittra gie mitlub illi l-att tat-twelid, tal-attrici jigi emendat permezz ta' annottazzjoni u dan stante l-kuntratt ta' rikonoxxment illi sar minn IBJ ftit tax-xhur wara t-twelid tal-attrici. Dil-ittra u l-kuntratt ta' rikonoxximent jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dok DRP 1 u Dok DRP 2;
6. Illi stante l-fatt li l-prassi sa mill-bidu tas-sena 2000, kienet propju li ufficcjali tad-Dipartiment tar-Registru Pubbliku, kienu jaccettaw kuntratti ta' dat-tip, ghaldaqstant, id-Direttur Konvenut, nizzel annotazzjoni fl-att tat-twelid tal-attrici u b' hekk s-sur IBJ, gie ddikjarat bhala l-missier naturali tal-attrici.

7. Illi permezz tali annotazzjoni, l-attrici ai termini tal-Ligi kellha tassumi l-kunjom B u mhux C;
8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-artiklu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-fakulta' illi, *meta paternita ta' persuna tkun gie maghrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun giet dikjarata mill-Qorti, jew tkun saret tapplika l-rezunzjoni msemmija fl-artikoli 101 sa 112, kull min b' konsegwenza ta' dak it-taghrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-resunzjoni**, jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dak it-taghrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-prezunzjoni, jew r-rapprezentant leggittmu tieghu, jista' jitlob l-Qorti kompetenti b' rikors kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku jithalla juza' dak il-kunjom iehor, u jekk il-Qorti tkun sodisfatta li b' dak l-uzu ma jkunx ser jigu pregudikat terzi,** fejn ir-rikors ikun sar ghan-nom tal-minuri, li dak l-uzu jkun fl-ahjar interess tal-minuri, **hija ghandha tilqa' dik it-talba u torda d-direttur tar-Registru Pubbliku, innizzel annotazzjonijiet tad-decizjoni moghtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti** ta' min ikun gie hekk maghruf jew li tkun giet hekk dikjarata l-filjazzjoni tieghu jew li dwaru ghandha tapplika dik il-prezunzjoni;*
9. Illi ghat-talba kif dedotta, l-esponenti tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u l-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, sabiex tghaddi biex taghti l-gudizzju taghha kif jidhriha xieraq u opportun, salv pero' illi l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-Ligi.
10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorenti li qed tigi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT**

Illi in linea preliminari jigi rilevat li l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mid-Direttur konvenut huma llum sorvolati, peress illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet rrimettiet l-atti lil din il-Qorti, u sussegwentement kienet saret il-korrezzjoni opportuna fl-okkju tal-kawza.

Illi din il-kawza hija wahda purament procedurali, fejn persuna titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex tkun tista' tbiddel il-konnotati taghha u tigi maghrufa pubblikament b'konnotati differenti. F' din il-kawza, l-attrici qed titlob li tibdel kunjomha minn B, li huwa kunjom missierha naturali, ghal C, li huwa kunjom ommha xebba. Ir-raguni ghalfejn l-attrici qed titlob li ssir din il-bidla tispjegahom ahjar fl-affidavit taghha, in sostenn tat-talbiet maghmula fir-rikors promotur.

Kif qalet tajjeb hafna l-attrici fis-sottomissjonijiet taghha;

> "Illi determinata b' mod finali l-ewwel eccezzjoni prelimimari permezz tad-decizjoni moghtija mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili u li permezz taghha dina l-kawza giet assenjata lil din l-onorabbli Qorti, jifdal illi effetivament jigi determinat propju il-mertu tal-azzjoni odjerna koncernanti d-dritt tal-esponenti li tirriverti lura ghall-kunjom li hija kellha u dejjem utilizzat u cioe' C, u dana minkejja r-rikonoxximent da parti ta' missierha naturali.

"Illi kif jirrizulta mis-surreferit l-azzjoni odjerna qed tigi intavolata mill-attrici propju a tenur tal-art. 92 (6) tal-Kodici Civili, liema artikolu- kif ukoll citat mill-intimata permezz tar-risposta tieghu- jipprovdi testwalment is-segwenti;

> ' *Minkejja d-dispoiszzjnijiet ta' qabel ta' dal-artikolu jew ta' kull artikolu iehor fil-Kodici, meta l-paternita' ta' persuna tkun giet maghrufa jew il-filjazzjoni ta' persuna tkun giet dikjarata mill-Qorti, jew tkun saret tapplika l-prezunzjoni mmemmija fl-Artikolu 101 sa 112, kull min b' konsegwenza ta' dak it-taghrif, filjazzjoni , jew applikazzjoni tal-prezunzjoni jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom uzat minnu qabel dak it-taghrif, filjazzjoni jew applikazzjoni tal-prezunzjoni, jew ir-rapprezentant legittmu tieghu, jista' leggittmu tieghu, jista' jitlob l-Qorti kompetenti b' rikors kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku jithalla juza' dak il-kunjom iehor, u jekk il-Qorti tkun sodisfatta li b' dak l-uzu ma jkunx ser jigu pregudikat terzi, fejn ir-rikors ikun sar ghan-nom tal-minuri, li dak l-uzu jkun fl-ahjar interess tal-minuri, hija ghandha tilqa' dik it-talba u torda d-direttur tar-Registru Pubbliku, innizzel annotazzjonijiet tad-decizjoni moghtija minnha fuq l-att tat-twelid rilevanti ta' min ikun gie hekk maghruf jew li tkun giet hekk dikjarata l-filjazzjoni tieghu jew li dwaru ghandha tapplika dik il-prezunzjoni;*

"Illi l-artikolu surreferit gie interpretat mill-Qrati Taljana bil-mod segwenti, dana referibilment ghar-rarita' tal-uzu taghha;

*"Jigi mil-ewwel sottolineat illi l-kaz in dizamina huwa kaz raraissimu, rizultat ta' cirkostanzi partikolarissmi, u sfortunati. Fil-fatt fin-nota ta' osservazzjonijiet, tieghu id-direttur tar-Registru Pubbliku issotmetta li mir-ricerka li kkonduca bi preperazzjoni ghan-nota ta' osservazzjnijiet tieghu ma sabx kaz iehor identiku ghal dak odjern (...) skont id-disposizzjoni appena citata, sabiex wiehed ikun intitolat li jithalla juza' l-*

*kunjom li wiehed kellu qabel l-gharfien ta' paternita' jew dikjarazzjoni ta' filjazzjoni li tkun taghtu kunjom iehor jehtieg li l-Qorti tikkunsidra jekk f' kaz li t-talba li jibqa' izomm il-kunjom ta' qabel tintlaqa' jkun ser jigu pregudikati terzi.* ***(AB vs Direttur tar-Registru Pubbliku deciza minn dina L-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fit- 30 ta' Jannar 2014).***

"Illi ghaldaqstant, huwa car li l-fattur ewlieni li ghandu jigi kkunsidrat huwa jekk bid-decizjoni taghha dina l-Onorabbli Qorti hijiex ser taffettwa b' mod negattiv lil terzi.

"Illi fl-istess kawza surreferrita dina l-Onorabbli Qorti kompliet billi ikkunsidrat is-segwenti;
'*L-attur kien registrat mar-registru pubblilu bil-kunjom B bejn is-sena 1985 sas- sena 1997, perjodu ta' tnax-il sena. Dak li qed jitlob l-attur essenzjalment huwa illi ghalkemm b' sentenza tal-Qorti Civili Prim' Awla tat- 22 ta' Jannar 1997 huwa gi dikjarat li ma kienx iben Francis B, huwa ghandu jithalla juza' il-kunjom B ghaliex jekk ser ikun kostrett juza' il-kunjom Grima, ser jigi rinfaccjat b' hafna diffikultajiet. Jirrizulta li kull certifikat li sa issa ottjena l-attur inkluz dawk li ghandhom x' jaqsmu ma' edukazzjoni u kwalifiik, kollha jindikawh bil-kunjom B. Illum il-gurnata l-attur ghandu 36 sena sal-lum kagun tac-cirkustanzi li sab ruhu fihom u li taghhom, ma kellu l-ebda responsabilita', dejjem uza' il-kunjom B. Huwa evidenti illi jekk issa ta' 36 sena ser jibdel kunjom minn B ghal Grima ser jinholqu ghall-attur diversi diffikultajiet. Ma jirrizultax li l-akkoljiment tat-talba attrici ser jippregudika lil xi hadd'.*

"Illi konsegwentament ghal tali kundsiderazzjonijiet dina l-Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex fil-kaz surreferit laqghet it-talba attrici billi ordnat li

l-attur ikompli juza’ l-kunjom uttilizzat minnu qabel ir-rikonoxximent da parti ta’ missieru.

“Illi l-esponenti hija tal-umli fehma li l-istess ragunament kif hawn fuq citat ghandu jkun applikabbli multo magis ghall-kaz in ezami tenut kont ic-cirkostanzi parikolari ta’ dal-kaz. Huwa inkontestat li fil-kaz in ezami giet maghrufa l-paternita’ tal-attrici tramite’ ir-rikonxximent unilaterali affettwata mill-missier naturali imma li tali missier naturali- ghalkemm tramite rikonxxment naturali impona l-uzu ta’ kunjomu fuq bintu la qatt ha hsieb il-bzonnijiet taghha, inkluz billi jmantniha u lanqas ha hsieb li jzomm kuntatt maghha tant illi anka meta l-esponenti kienet ghadha zghira, rarament kien jezercita l-access tieghu biex illum ma ghandux ebda relazzjoni maghha u / jew ma’ binha. Dwar dan xehdet kemm l-attrici u kif ukoll l-familjari taghha f’ certu dettall.

“Illi jekk fil-kaz sopracitat l-attur kien qed jikkontendi li huwa ghandu jibqa’ jutilizza l-kunjom tieghu (u mhux dak ta’ missier naturali wara r-riknoxximent) u dana ghaliex jekk jigi kostrett altrimenti, *‘ser jigi rinfaccjat b’ hafna diffikultajiet’,* liema diffiuktajiet kienu pressokke’ ta’ natura prattika u amministrattiva, fil-kaz in ezami, it-talba qed tigi msejsa mhux biss fuq semplici diffikultajiet li tista’ talvolta tghaddi minnhom l-attrici, imma propju fuq **impossibilita’ psikolgika da parti taghha li taghraf lilha innifisha fil-kunjom patern tal-missier li irrikonxxieha.**

“Illi jinghad illi din mhux problema semplici ta’ natura amministrattva ghaliex kwalifki u / jew dokumenti ufficcjali ohrajn li jirreferi ghall-attriic fil-kaz in ezami jindikawha bil-kunjom taghha qabel ir-rikonxximent ta’ missierha imma problema serja hafna ta’ natura psikolgika. Fil-kaz odjern, jinsab pruvat lil hinn minn kull dubju, li l-applikazzjoni tad-disposizzjoni

legali twassal ghal bdil fil-kunjom tal-wild rikonxxut ghall-kunjom tal-missier li rrikonxxieha mhux ser ikollha l-effett intiz mil-Legizlatur illi twassal ghal armonija fil-familja. Anzi, propju bil-kontra ta' dan, tenut kont li fil-kaz odjern, il-missier naturali ma kellu qatt relazzjoni ma' bintu l-attrici u ukoll ma' binha u meta kien involute f' hajjitha ( fi zmien meta hija kienet ta' eta' ferm izghar ), tali involviment certament ma kienx wiehed b' effett pozittiv fuq is-sahha mentali taghha, kwaulnkwe imposizzjoni fuq l-esponenti li l-identita' taghha tigi cirkoskritta ghall-kunjom ta' persuna li lilha ghamlitilha tant hsara u l-fatt li tali rikonxximent unilterjali issa jista' iwassal ukoll sabiex binha stess ikompli igorr isem tali persuna, huwa certament ta' pregudizzju qawwi ghall-interessi u d-drittijiet tal-persuna tal-attrici u ta' bintha.

"Illi jinghad ukoll li fil-kaz in ezami l-attrici dejjem baqghet tutilizza il-kunjom ta' xebba ta' ommha u kwindi ghalhekk ukoll il-kontinwat uzu ta' tali kunjom ma jista' jirreka ebda pregudizzju lil terzi imma, bil-kontra ta' dan, jekk it-talba attrici ma tigix milqugha il-hsara- anka severament psikologika, li tista' issir lill-attrici u ukoll konsegwentament, lil binha minuri hija kbira.

"Illi b' referenza ghall-aspetti fattwali ta' dal-kaz mtul dawn l-proceduri l-attrici ressqet, oltre' l-affidavit taghha stess diversi xhieda li lkoll ikkonfermaw l-effett psikologiku ikrah ferm li r-rikonoxximent da parti ta' missierha, u l-knsegwenzi tal-bdil tal-kunjom taghha kellha u ghad ikollu ghall-izvilupp. Inkluz l-izvilupp emozzjonali u lavorattiv taghha. F' dan ir-rigward, l-attrici stess xeheet mhux biss dwar ir-relazzjoni negattiva ferm li kellha ma' missierha fiz-zmien li fih dan kien ikun prezenti f' hajjitha imma ukoll dwar l-effetti negattivi li hija ghadha issoffri minnhom sal-gurnata tal-lum, anka issa li l-missier naturali ma ghandu ebda involviment

f' hajjitha bhala konsegwenza ta' dan. Din il- verzjoni tinsab korrbrata wkoll minn ommha u kif ukoll mir-ragel ta' ommha ( li hija dejjem qieset bhala missierha) oltre' iz-zija taghha.

"Illi inoltre li ir-risposta tad-Direttur intimat fir-rigward tal-mertu tal-kawza ma tressaq ebda difiza sostanzjali tant illi l-istess Direttur essenzjalment irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, u ma sarux kontro-ezamijiet tax-xhieda tal-attrici.

"Illi kieku dan ma kienx fih innifsu bizzejjed xehed ukoll Tabib Dr. Nigel Camilleri, li tahtu l-attrici tinsab in kura u kkonferma l-effetti negattivi li l-kunjom tal-missier naturali qed ikollhom fuq l-attrici. F' dar-rigward, **apparti li hareg certifkat mediku li jinsab esebit ukoll in atti,** huwa xehed is-segwenti;

*"L-ewwel giet tarani fuq kaz ta' ADHD pero' biz-zmien bdew hergin sintomi ta' rabja kbira….* ***Ir-rabja kienet dejjem tkun relatata li missierha ma riedx jiehu hsieba. Hi filli tkun kalma hafna u jekk issemmi xi haga bhal kunjom ta' missierha, tirrabja hafna, tara ahmar u ma tirragunax aktar sempliciment fuq kunjom.***

***"Role of the father- missierha ma ghandux f' hajjitha l-ahhar darba li mar jaraha kellha 9 snin u anka sa dak iz-zmien hu ma kien jaraha regolarment. Bhalissa mhux xejn f' hajjitha. A ghandha 22 sena. A tintroduci lilha innifsha bhala AC u tipprova ma ssemmix il-kunjom ta' B. Dal-ahhar sena u nofs jew sentejn u l-fatt li l-kunjom tat-tarbija kellu jkun BC jew vice-versa irrabjata hafna ghax kull darba tfakkarha f' missier li qatt ma kienx f' hajjitha….***

*"Il-parir tieghi huwa li jkollha permess ma tuzax aktar il-kunjom ta' missierha peress li qed jaffettwaha psikolgikament bil-mod kif spejgat u minhabba hekk qed* ***taffettwa l-funzjonijiet taghha fil-hajja****, per ezempju, jekk xi haga fuq x-xoghol ma tmurx kif trid hi, jew xi hadd isemmilha il-kunjom tispicca tghajjat u anka tigi fl-idejn.*

***"Is-suggeriment tieghi huwa li anka binha D, ma jkomplix juza' l-kunjom tan-nannu issa ghandu kwazi sentejn*** (enfasi mizjuda).

"Illi fir-rigward ta' dan ix-xhud ukoll ma sarx kontro-ezami u dana ovvjament tenut kont tal-fatt li d-direttur intimat fehem u apprezza c-cirkstanzi partikolari tal-kaz odjern.

"Illi konsegwentament, l-istess tabib awspika li t-talba tal-attrici tigi milqugha u dana sabiex l-esponenti flimkien ma' binha jkunu jistghu jigu facilitati fl-ottjeniment ta' dak li finalment jixirilqilhom- serhan psikolgiku u emozzjonli minghajr mal-identita' taghhom stess tibqa' tfakkarhom fid-diversi problemi li ghaddiet minnhom l-esponenti- illum omm- bhala konsegwenza ta' missierha stess.

"Illi fuq kollox jirrizulta kjarament li dak li qed titlob l-attrici jinsab ikkonfermat kemm mil-provi prodotti u kif ukoll minn dak li jinsab provdut mill-artikolu 92 (6) **tal-Kodici Civili**, liema artikolu huwa propju intiz, sabiex ihalli l-possibilita' li persuna zzomm il-kunjom taghha anka minkejja li l-paternita' taghha tigi maghrufa."

Illi ghalhekk, dawn is-sottomissjonijiet tal-attrici ma jhallu ebda dubju f'mohh il-Qorti li t-talba taghha maghmula f'din il-kawza hija wahda gustifikata u ghandha tintlaqa' minnufih.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.
Tordna l-korrezzjonijiet mitluba fl-atti tat-twelid 341/1998 u 2274/2017, b'hekk isem l-attrici jigi jaqra "AC" u isem il-minuri jigi jaqra "DC".

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Antonio G. Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**